MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 41/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Charlotte Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [detentrici tal-karta tal-identita` numru 234578M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija MCCF Projects Ltd (C 33281) ghas-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqset li tibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi

artikolu 23 naqset milli thares id-disposizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellanti hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha w ikkundannatha ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500) .
Il-Qorti spjegat lill-appellanti ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjuba hatja ghat-tieni darba w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, tinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-31 ta’ Jannar, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn l-appellanti nstabet hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha, tirrevokaha w thassaraha fejn l-appellanti giet ikkundannata thallas multa ta’ €500 u penali ta’ €7 kuljum sakemm tottempora ruhha mad-disposizzjonijiet tal-ligi hemm citati, u minflok timponi l-piena minima kontemplata fil-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-
Il-prosekuzzjoni riedet tipprova zewg elementi f’dan il-kaz :

1. li l-formoli tat-taxxa ghas-snin inkriminati ma gewx mibghuta – din il-prova saret;
2. li ghas-snin inkriminati, l-appellanti kienet direttur tas-socjeta` Future Furniture Limited, u kwindi responsabbli ghall-istess socjeta`. Din il-prova saret ukoll. Ghalhekk m'hemmx aggravju dwar is-sejbien ta' htija.

Jirrizulta izda li ghalkemm il-piena nflitta hi wahda entro` l-parametri tal-ligi meta wiehed iqis l-assjem tac-cirkostanzi, din hi wahda eccessiva u ma tirrispekkjax il-fatti partikoli tal-kaz, fosthom :
1. L-appellanti hi omm ta' tlett ulied, fosthom tarbija li ghadha kif twieldet;
2. Ir-reat li qed nitkellmu dwaru hu wiehed "amministrattiv", jekk mhux tabilhaqq dejn ta' natura civili li sfortunatament qed jigi kunsidrat bhala reat kriminali;
3. L-appellanti ghandha fedina penali li minnha certament jirrizulta li hi persuna ta' kondotta tajba, hlief li sfortunatament minhabba c-cirkostanzi ekonomici fil-pajjiz, u partikolarment dawk tas-settur partikolari li topera fih il-kumpanija taghha, dak tal-kostruzzjoni, mhux dejjem jirnexxielha tottempera ruhha mad-disposizzjonijiet fiskali;
4. Illi l-piena imposta, flok tghin lill-appellanti biex tottermpora ruhha mal-ligi, aktar qed isservi ta' mannara kontriha billi qeghda zzid mal-piz ekonomiku gja qawwi li ghandha fuqha l-appellanti, bl-imposizzjoni tal-penali.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellanta kienet Direttur tal-kumpanija MCCF Projects Limited u naqset illi ghas-snin two thousand and four (2004),two thousand and five (2005), two thousand and six (2006), two thousand and seven (2007), two thousand and eight (2008) u two thousand and nine (2009), milli tibghat il-formoli tat-taxxa skont kif rikjest mill-Ligi. Bhala fatt dana ma giex kontestat u lanqas ma gie kkontestat illi l-appellanta kienet direttrici tal-MCCF Projects Limited u quindi responsabbli ta' din is-socjeta. L-agravju ta' l-appellanta qieghed biss dwar il-piena peress illi jidhrilha illi kienet wahda eccessiva u flok ma tghinha tottempra ruhha mal-

Ligi qieghda aktar isservi ta' xkiel billi zzid il-piz ekonomiku illi ga ghandha fuqha.

Ikkunsidrat.

Il-fatt illi multa tista tkun ta' piz finanzjarju fuq min ikun irceviha m'ghandiex tinfluwixxi lill-Qorti fl-ghoti ta'din il-piena. Il-ligi taghti lill-Gudikant parametri f'xiex ghandu jikkonsidra l-piena u sakemm din il-piena tkun fil-parametri tal-Ligi allura mhux il-kaz illi l-Qorti ta' l-Appell tiddisturba d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti. kif qalet il-kawza "Il-Pulizija kontra David Vella" erbatax (14) ta' Gunju, 1999, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoi ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt (ara wkoll Republika vs Eleno sive Lino Bezzina erbgha u ghoxrin (24) ta' April, 2003). Ma hemmx dubju illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet tidhol fil-parametri tal-Ligi, dana ma giex kontestat lanqas mill-appellanta u quindi din il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tikkonferma s-Sentenza appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------